**Kunsill Reġjun Punent**

Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta

E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **54**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar It-Tnjen 6 ta' Ottubru, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħad-Dingli: | Sindku is-Sur Raymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħal Safi | Sindku is-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħal Kirkop | Sindku is-Sur Matthew Agius Zammit |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:50 ta' filgħaxija.

**54.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

54.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca u Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Laqgħa bdiet minuta silenzju b'rispett lejn l-ex Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Joe Ciantar li għadda għal ħajja ta' dejjem nhar it-18.09.2025.

**54.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 53;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 53 li saret nhar is-6 ta' Settembru 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**54.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

54.03.01 Il-President informa li is-Sur AC IT Manager u is-Sa AV bdew jaħdmu mar-Reġjun fuq bażi part time 20 siegħa u 30 siegħa rispettivament. Il-President kompla jgħid illi wara li iċċekjajna mad-Dipartiment saret terminazzjoni mill-impjieg full-time u ingaġġ fuq bażi part-time għaż-żewġ ħaddiema. Fuq direzzjoni li ingħatajna mid-Direttur Chris Galea wara li ġab kjarifika mingħand Jobsplus dawn il-ħaddiema jistgħu jeqilbu lura għal bażi full-time mingħajr ma toħroġ sejħa ġdida.

54.03.02 ELOGE- IL President spjega li sar it- training fuq Akkreditazzjoni tal-ELOGE nhar it-03.10.2025 u li għalih attendew TF DC AC CF. Qal ukoll li flimkien mal-AKL se nkunu qed naraw liema Kunsilli huma interessati li japplikaw għal din l-akkreditazzjoni.

54.03.03 Nhar l-04.10.2025 saret il-Kirkop Adapted Sports Day li kienet attivita' li tippromwovi sports b'differenza u inklussiv għal kulħadd. F'din l-attivita' pparteċipaw ukoll ukoll l-NGO Visualnonvisual li magħha ir-Reġjun għandu MOU.

**54.04 Kommunikazzjoni mill-President**

54.04.01 Nhar it-30.08.25 saret il-Clean up taħt l-iskema SPI.SCI.3.2025 - Inizjattiva Finanzjarja, Lokalitajiet Aktar Nodfa 2025 flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi ġewwa Wied iż-Żurrieq.

54.04.02 Nhar l-04.09.25 irċivejna mill-Kunsill Malti għall-Arti li ġie approvat il-proġett Ref: RCCP04-25-6243: Bl-isem Darba Waħda fil-Villaġġ.../ Once Upon a Village. Ta' dan ir-Reġjun ser jingħata is-somma ta' Eur 20,000.

54.04.03 Nhar l-04.09.25 irċivejna mill-LESA dwar l-iskema Servizzi waqt Attivitajiet, inizjattiva konġunta mill-Aġenzija għall-Infurzar Lokali (LESA) u l-Kunsill Malti għall-Arti. Investiment ta' €600,000 fuq sentejn. L-iskema tkopri għajnuna f'servizzi provduti minn: LESA, Il-Korp tal-Pulizija u Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

54.04.04 Nhar il-05.09.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 006/2025_Tnedija tal-Proċess ta' Akkreditazzjoni ELoGE għall-Kunsilli Lokal. Id-data tas-sessjoni li ser issir f'Malta

inbidlet mit-Tnejn 2 ta’ Ottubru għat-3 ta’ Ottubru.

54.04.05 Nhar it-08.09.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 011/2025_Reminder: invitation to 2nd Institutional Policy Dialogue of the Green Living Areas Mission.

54.04.06 Nhar it-08.09.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 010/2025_Invitation: CDP-ICLEI Track Webinar | 11 September 2025. Korrispondenza mibgħuta mingħand ICLEI.

54.04.07 Nhar it-08.09.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 012/2025_Explore fair subsidies & tech for climate action! Stedina mingħand l-ICLEI għal diskussjoni dwar finanzjament innovattiv għall-transizzjoni tal-enerġija u kif toħroġ komunikazzjonijiet effettivi dwar il-klima.

54.04.08 Nhar id-09.09.25 irċivejna il-Bi-Annual 1 fuq Recycling points operati mil-Green PAck.

54.04.09 Nhar id-09.09.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 013/2025_DATE CHANGE | Migration expert group meeting. Korrispondenza mingħand CEMR.

54.04.10 Nhar id-09.09.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 014/2025_Expert group meeting | Migration. Is-CEMR se jospita avveniment dwar "Risposti Lokali għall-Migrazzjoni u l-Inklużjoni" nhar l-Erbgħa, 17 ta' Settembru 2025, mid-09:00 sas-12:00 fi Brussell.

54.04.11 Nhar id-09.09.25 irċivejna Invitation for Arts Festivals to an EFFEA Platform Funding Info Session. L-ARC qed torganizza sessjonijiet ta’ informazzjoni għal festivals tal-arti fil-Gżejjer Maltin f’Malta u Għawdex. Is-sessjonijiet se jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-fond, inklużi l-linji gwida u l-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà tiegħu, jenfasizzaw stejjer ta’ suċċess, u joffru informazzjoni prattika dwar kif il-festivals jistgħu japplikaw u jikkonnettjaw man-netwerk usa’ ta’ festivals Ewropej. Is-Sessjoni ser issir nhar it-18.09.25.

54.04.12 Nhar it-09.09.25 ir-Reġjun Punent kellhu laqgħa mal-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Ministru Miriam Dalli - MEEC.

54.04.13 Nhar l-10.09.25 ir-Reġjun Punent ħa sehem f’seminar ta’ tlett ijiem – All Digital Summit.

54.04.14 Nhar l-10.09.25 irċivejna minn Transport Malta li nhar 10.10.25 ser ikunu qed jorganizzaw seminars informattivi dwar il-ġestjoni u l-manutenzjoni taż-żbir tas-siġar tul l-infrastruttura tat-toroq u ż-żoni pubbliċi relatati.

54.04.15 Nhar il-11.09.**2**5 irċivejna mis-SEM li se issir sessjoni t’informazzjoni dwar il-*European Climate Pact* nhar is-17.09.2025. Din is-sessjoni ser tipprovdi informazzjoni u aġġornamenti dwar dan il-patt u fuq attivitajiet u għodod li jinvolvu liċ-ċittadini u *stakeholders* fl-azzjoni favur il-klima.

54.04.16 Nhar il-11.09.25 id-DLG infurmawna li ingħataw il-proġett tal-ESF+ li ser jintuża biex isaħħaħ il-ħiliet tal-ħaddiema tal-Gvern Lokali u Reġjonali biex itejjeb l-effiċjenza tal-operazzjoni tal-kunsill. Jinkludi opportunitajiet bħal korsijiet offruti minn istituzzjonijiet ta' taħriġ lokali u internazzjonali, żjarat ta' studju, u esperjenzi ta' xogħol kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Ġie stabbilit Fond ta' Tagħlim Tul il-Ħajja ta' €500,000 bil-għan li jipprovdi boroż ta' studju għal mill-inqas 125 uffiċjal elett u staff amministrattiv biex javvanzaw il-kompetenzi tagħhom.

54.04.17 Nhar it-12.09.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 015/2025_Waste Management Europe 2026: the 5th edition at BolognaFiere, May 19–21, 2026. WME 2026 mistennija tilqa’ aktar minn 200 esebitur u 5,000+ parteċipant minn 80 pajjiż, u toffri pjattaforma strateġika sabiex: Jintwerew soluzzjonijiet innovattivi lil udjenza internazzjonali; Jintefħu relazzjonijiet ma’ dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fis-setturi pubbliċi u privati; jigi parteċipat fiż-żoni tematiċi bħall-Smart Cities, Green Packaging, Innovazzjonijiet Diġitali & AI, u oħrajn.

54.04.18 Nhar it-12.09.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 016/2025----_*Join Malta's Rural Innovation Journey – PoliRural Plus Ideathon*. Bħala l-koordinatur ta' Malta għall-proġett PoliRural Plus, AcrossLimits, qed jappoġġja lil MAYA permezz tal-finanzjament cascade ta' Develop biex jindirizza l-isfidi ewlenin fl-agrikoltura u ż-żoni rurali.

54.04.19 Nhat it-12.09.25 irċivejna invit għal *Sustainable Development Multi Stakeholder Forum* li ser issir nhar l-1.10.25.

54.04.20 Nhar il-15.09.25 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilli Lokali li r-Reġjun Punent ser jkun qed jipprovdi sessjoni ta' taħriġ fuq kif jaċċessaw u jużaw bl-aħjar mod is-software ta' CCTV. Dan it-Taħriġ ser ikun maqsum fuq darbtejn sabiex ikunu jistgħu jattendu iktar minn persuna waħda minn kull Kunsill Lokali.

54.04.21 Nhar il-15.09.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lil NGOS fir-Regjun u lil Kunsilli Lokali li Il-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) se tkun qed terġa' tniedi l-iskema Voluntary Organisation Projects Scheme 2025 (VOPS). Għaqdiet volontarji jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja sabiex iwettqu l-ideat tagħhom u joħolqu proġetti fil-komunità. Il-baġit allokat għal din is-sena se jkun ta' €800,000. Dawn il-proġetti jistgħu jvarjaw minn attivitajiet jew xogħol fil-komunità, xogħol ta' infrastruttura, riċerka jew proġetti relatati mat-tisħiħ tal-inklużjoni.

54.04.22 Nhar il-15.09.25 irċivejna r-rejects trial report mill-karatterizzazzjoni tal-iskart imwettqa f'Awwissu 2025.

54.04.23 Nhar il-15.09.25 irċivejna mingħand AKL-sommarju tad-diskussjonijiet li saru dwar Cir AKL/Regjuni 006/2025_Tnedija tal-Proċess ta' Akkreditazzjoni ELoGE għall-Kunsilli Lokali.

54.04.24 Nhar is-16.09.25 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-IPS li r-Reġjun Punent jixtieq iżomm l-istess studenta għall-iskema li se tiġi imnedija f'Ottubru.

54.04.25 Nhar is-16.09.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej irċeviet proposta għal proġett tal- Erasmus mill- Estonja permezz tal-ET Dr Kenneth Vella. In-nies wara l-proġett għandhom l-għan li jimplimentaw din l-inizjattiva permezz tal-komunitajiet anzjani u għalhekk qed ifittxu Kunsill Reġjonali jew Lokali f'Malta biex jingħaqad u jieħu t-tmexxija.

54.04.26 Nhar is-16.09.25 irċivejna Urban Newsletter – Vol. 2/2025 li tinkludi: Aġġornamenti dwar l-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI),URBACT, u l-Aġenda Urbana għall-UE**;** Punti ewlenin minn skambji bejn belt u oħra, inkluża l-kollaborazzjoni ta' Malta**;** Aħbarijiet dwar il-wirt – status ta' protezzjoni mogħti lil akkwedotti tal-era Brittanika**;** Ir-rwol attiv ta' Malta fil-Forum tal-Bliet fi Krakovja u sejħiet għal imsieħba, opportunitajiet ta' finanzjament, u avvenimenti tal-UE li ġejjin (Rotterdam, Brussell, Hamburg)

54.04.27 Nhar is-16.09.25 irċivejna NMHS Symposium - The Power of Proximity Mental Health in everyday spaces li ser issir nhar 14.10.25.

54.04.28 Nhar is-16.09.25 irċivejna mingħand is-SEM li Il-Ministeru responsabbli għall-Fondi Ewropej se jorganizza laqgħa nhar 02.10.25 mal-partijiet interessati biex jipprovdi informazzjoni u jippreżenta l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Din il-laqgħa mal-partijiet interessati hija mmirata lejn *Non-Profit Organisations* u l-Pubbliku Ġenerali interessati fil-Migrazzjoni u l-Ażil.

54.04.29 Nhar is-17.09.25 irċivejna Eko Skola Event 7th Nov 2025. L-Assoċjazzjoni stiednet lill-Kunsilli Reġjonali li huma interessati li jipparteċipaw billi jwaqqfu stand waqt l-avveniment. Din se tkun opportunità siewja biex jintwerew l-inizjattivi, il-proġetti u l-isforzi tar-Reġjun fis-sostenibbiltà u l-għarfien ambjentali lil udjenza wiesa' ta' studenti, edukaturi u partijiet interessati.

54.04.30 Nhar id-19.09.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il- Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) għaddewlha informazzjoni dwar servizz li joffru lill-għaqdiet volontarji l-opportunità li tressaq lejhom individwi li huma interessati li jagħmlu xogħol volontarju ma' għaqdiet lokali.

54.04.31 Nhar it-22.09.25 is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsilli Lokali sabiex dawk interessati jirregistrsaw għal-European Capital, City and Village of Christmas 2026.

54.04.32 Nhar it-22.09.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej għaddiet informazzjoni dwar miżura 1 maħruġa minn GAL Xlokk. L-għan ta' din il-miżura huwa li jitwettaq titjib ambjentali fit-territorju biex ittejjeb aktar il-pajsaġġ taż-żona u l-benesseri taċ-ċittadini fit-territorju Xlokk. Din il-miżura tappoġġja proġetti li jgħinu biex jipproteġu l-ambjent u jtejbu s-sostenibbiltà fil-komunitajiet lokali. Tħeġġeġ azzjonijiet prattiċi bħal dawn imsemmija hawn taħt, iżda mhux limitati għal:
• Tibdil fil-ġonna eżistenti biex isiru aktar ekoloġiċi u aktar favur l-ambjent
• Tnaqqis tat-tniġġis u l-emissjonijiet tal-karbonju
• Iffrankar u użu għaqli tar-riżorsi tal-ilma
• Twaqqif ta' sistemi aħjar għall-ġbir u r-riċiklaġġ tal-iskart
• Promozzjoni ta' modi aktar nodfa biex wieħed jiċċaqlaq, bħall-mixi, iċ-ċikliżmu jew l-użu tat-trasport pubbliku. L-għan huwa li l-ispazji ta' kuljum isiru aktar favur l-ambjent u li jinħolqu benefiċċji fit-tul għan-nies.

54.04.33 Nhar it-22.09.25 irċivejna mill-Wasteserv li l-applikazzjonijiet tal-European Week for Waste Reduction (EWWR) huma miftuħin.

54.04.34 Nhar it-23.09.25 irċivejna Cir AKL 2025/053_Rolex Middle Sea Race 2025, korrispondenza mibgħuta mill-VisitMalta.

54.04.35 Nhar it-23.09.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet informazzjoni dwar Miżura 2 maħruġa minn GAL Xlokk. Il-miżura *Enhancement of Social and Rural Infrastructure* (Titjib fl-Infrastruttura Soċjali u Rurali) bil-għan li ttejjeb l-karattru soċjali tal-komunitajiet u l-infrastruttura rurali tal-lokalitajiet, kif ukoll li timplimenta proġetti ta' restawr li jtejbu l-pajsaġġi u l-infrastruttura ta' karattru rurali, filwaqt li tagħti prijorità lil dawk l-elementi li jikkontribwixxu għat-tgawdija u l-identità kulturali tal-komunità.

54.04.36 Nhar it-23.09.25 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad fadal 3 ġimgħat biss għal European Week of Regions and Cities fi Brussel. Fakkret sabiex min għadu ma rreġistrax jagħmel dan sat-30.09.25 sabiex ikun jista jattendi għas-sessjonijiet.

54.04.37 Nhar it-23.09.25 l-Assoċjazzzjoni bagħtulna ittra mibgħuta minn WEEE Malta dwar fuq nuqqasijiet mil-KL fil-ġbir tal-Bulky WEEE.

54.04.38 Nhar it-23.09.25 irċivejna mill-Malta Crafts li DesignMt se terġa lura għat-tieni edizzjoni fil-Belt Valletta. Din tgħaqqad it-tradizzjoni mal-innovazzjoni, designMT ser tippreżenta erba' wirjiet b'kollezzjonijiet varji ta' biċċiet tad-disinn kontemporanju, magħżula b'reqqa għall-funzjonalità tagħhom, stil u rilevanza kulturali, b'uħud minnhom joffru wkoll riflessjonijiet fuq il-ħajja moderna.

54.04.39 Nhar it-23.09.25 irċivejna mill-ACM li r-Reġjun Punent ġie nominat għall-Aqwa Proġett fil-Komunità permezz tal-proġett Arts for Social Change.

54.04.40 Nhar it-23.09.25 saret il-Clean up taħt l-iskema SPI.SCI.3.2025 - Inizjattiva Finanzjarja, Lokalitajiet Aktar Nodfa 2025 flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop ġewwa Triq Dun Ġużepp Barbara.

54.04.41 Nhar l-24.09.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lis-Sindki dokument li jagħti informazzjoni qasira dwar l-4 miżuri li nħarġu minn Gal Xlokk.

54.04.42 Nhar l-24.09.25 il-Maniġer tal-Ambjent informa lis-Sur Fava b'referenza għaċ-Cir AKL/Regjuni 001/2025_Mobility for Everyone- TM Meeting 04/09. Infurmaħ li bħala Reġjun stennejna li sseħħ laqgħa ta TM ta' 04/09, b'mira li nimxu 'l quddiem fil-każ ta:

- Żurrieq - Intqal bil-kliem li sal-aħħar tas-sena se jitħallsu. Tlabna sabiex iż-Żurrieq jirċievu acknowledgement formali u din-notifika bil-miktub (aħna mgħarrfa li sal-lum għadhom ma rċevewx l-ebda risposta uffiċjali).

- Ħaż-Żebbuġ - Ingħatajna r-rakkomandazzjoni li japplikaw għal-fond ta' dis-sena, u b'hekk qed nistennew iċ-ċirkolazzjoni tad-dokumentazzjoni tal-applikazzjoni.

Infurmaħ li kif TM avviċinaw u proppronew li jħejju one-to-one sessions qabel ma kunsill jissottometti applikazzjoni, aħna antiċipajna dan u stidinna l-awtorita' fir-Reġjun sabiex nressqu l-fond tagħhom eqreb lejn il-Kunsilli u l-kunċetti tagħhom.

54.04.43 Nhar it-24.09.25 il-Maniġer tal-Iskart bagħat lil ERA il-hotspots għax-xhur ta' Settembru u Ottubru.

54.04.44 Nhar il-25.09.25 saret laqgħa fl-uffiċċju tar-Reġjun mas-Sa Axisa minn Transport Malta u rappreżentanti mill-Kunsilli, fejn ingħataw dettalji fuq il-fondi tal-iskema Mobility for Everyone.

54.04.45 Nhar il-25.09.25 saret laqgħa fl-uffiċċju tar-Reġjun mis-Sa Cassar mid-DLG u rappreżentanti tal-Kunsill rigward Fondi tal-EUI – City to City Exchange.

54.04.46 Nhar il-25.09.25 saret laqgħa mal-BCA għar-Reġjuni kollha. L-iskop ta' din il-laqgħa kien biex jiġu diskussi problem relatati ma' siti tal-kostruzzjoni, trabijiet u *hoarding*.

54.04.47 Nhar il-25.09.25 irċivejna mingħand is-Sur Gatt mid-DOC li t-talba sabiex jiġu impost penali li jammontaw għal €13,550 fuq it-tender a' l-iskart ġiet approvata.

54.04.48 Nhar is-26.09.25 irċivejna il-preżentazzjoni tal-laqgħa City-to-City Exchanges Initiative.

54.04.49 Nhar is-26.09.25 irċivejna l-aġenda tal-Kaleici Old Town Festival Forum.

54.04.50 Nhar is-27.09.25 saret il-Clean up taħt l-iskema SPI.SCI.3.2025 - Inizjattiva Finanzjarja, Lokalitajiet Aktar Nodfa 2025 flimkien mal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq ġewwa Wied Babu.

54.04.51 Nhar it-28.09.25 saret il-Clean up taħt l-iskema SPI.SCI.3.2025 - Inizjattiva Finanzjarja, Lokalitajiet Aktar Nodfa 2025 flimkien mal-Kunsill Lokali tar-Rabat ġewwa id-Dwejra.

54.04.52 Nhar id-29.09.25 irċivejna li ser tiġi proċessata set off ta' €111,982.00 minn naħa ta' Wasteserv matul il-jiem li ġejjin.

54.04.53 Nhar id-29.09.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li MCVS ser torganizza sezzjoni informattiva onlajn oħra dwar l-iskema VOPS 2025 nhar 06.10.25.

54.04.54 Nhar id-29.09.25 irċivejna Cir AKL 2025/054 Proġett SOuSeEU / Taħriġ fuq l-ELoGE : 1 sa 3 t'Ottubru 2025.

54.04.55 Nhar id-29.09.25 irċivejna Cir AKL 2025/055_Commemorating World Mental Health Day - 10th October 2025 – Lighting Up Public Buildings in Green. Korrispondenza mingħand is-Sur Tony Micallef dwar Jum Dinji tas-saħħa Mentali.

54.04.56 Nhar id-29.09.25 u 06.10.24 sar taħriġ fl-użu tas-software ta' CCTV cameras.

54.04.57 Nhar id-29.09.25 sar taħriġ minn Dr Mula fuq *Data Protection.*

54.04.58 Nhar it-30.09.25 attendejna għal ESF +.0.246 Professional Development Sponsorships. Id-DLG ser jiprovdu Eur 500K fi training funds għas-Sindki, Kunsilliera, u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni.

54.04.59 Nhar it-30.09.25 il-Maniġer tal-iskart bagħat ir-rapport ta' nofs is-sena minn Jannar sa Ġunju 2025 kif ukoll iċ-ċertifikati tal-Wasteserv.

54.04.60 Nhar l-01.10.25 il-Maniġer tal-Ambjent ħa sehem fis-Sustainable Development Multi-stakeholder forum li sar ġewwa MCC. Għalih attendiet ukoll is-Segretarju Eżekuttiv.

54.04.61 Nhar l-01.10.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) kif ukoll l-entità Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) se jkunu qed jorganizzaw sezzjoni ta' taħriġ nhar 15.10.25 dwar kif tiżviluppa u tikteb proġetti li bihom jkunu jistgħu japplikaw għall-fondi.

54.04.62 Nhar it-02.10.25 il-President staqsa lis-Sur Mifsud jekk hux possibli jkun hemm link online għas-seminars informattivi dwar il-ġestjoni u l-manutenzjoni taż-żbir tas-siġar tul l-infrastruttura tat-toroq u ż-żoni pubbliċi relatati. Infurmaħ li diġa hemm min għandu laqgħat oħra skedati waqt/viċin il-ħinijiet li jeħtiġu attenzjoni.

54.04.63 Nhar i t-02.10.25 irċivejna Urban Newsletter – Vol. 2/2025 li tinkludi: Aġġornamenti fuq il- *European Urban Initiative and URBACT*; Prattiċi tajbin ġo Malta li jinkludu żvilupp sostenibbli tal-lukanda ġewwa Kemmuna; Aġġornament minn sessjonijiet ta' outreach fuq City-to-City exchanges u Sejħiet għal opportunitajiet ta' fondi u avvenimenti li ġejjin.

54.04.64 Nhar it-03.10.25 ircivejna Cir AKL/Regjuni 017/2025_*The Second Malta Festival of Ideas* bit-tema ta' din sena festival is "*Possibilities of Peace*".

54.04.65 Nhar it-03.10.25 ircivejna Cir AKL 2025 - 056 - *Invitation to EduVoices Conference 2025*. Id-Direttorat għall-Ippjanar u l-Prospettiva Strateġika (DPSF) qed tħabbar il-konferenza annwali bl-isem ta' 'EduVoices' fejn approċċi integrati ta' prospettiva strateġika qed jiġu promossi. L-edizzjoni tal-2025 se tkun qed tinidirizza *Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u mit-Taħriġ (ELET).* Din se ssir fit-22 ta' Ottubru 2025 ġewwa Xara Lodge, Rabat (Malta).

54.04.66 Nhar it-03.10.25 ircivejna stedina mil-BCA għall-avveniment ENVİSION 2050 – Bini u Kostruzzjoni se jsir nhar il-Ħamis, 16 ta' Ottubru 2025, , fl-Ospizju tal-Malta International Contemporary Art Space (MICAS), il-Furjana

54.04.67 Nhar it-03.10.25 intbgħatu il-multi tal-kuntratt tal-iskart għal perjodu Nov - Diċembru 2024.

54.04.68 Nhar it-03.10.25 irċivejna mingħand DPO sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jaġġornaw id-DPIA u u DPA agreements ta' CCTV cameras.

54.04.69 Nhar l-04.10.25 saret l-attivita tal-ġbir taż-żebbug mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq ġewwa l-Mitħna tax-Xarolla.

54.04.70 Nhar l-04.10.25 saret l-attivita Inclusive Sports Activity ġewwa Ħal Kirkop.

54.04.71 Nhar is-06.10.25 ircivejna Cir AKL 2025/057 Vacancy Local Councils' Association : Part-Time Clerical Employee Scale 15.

54.04.72 Nhar it-22.10.25 ser tkun organizzata laqgħa għas-Sindki, Segretarji Eżekuttivi u Kunsilliera responsabbli mill-kultura sabiex jiġi mfiehem il-proġett Darba waħda fil-Villaġġ kif ukoll sabiex issir koordinament flimkien.

54.04.73 Nhar it-30.10.25 ser tkun organizzata laqgħa għas-Segretarji Eżekuttivi.

54.04.74 Nhar l-14.11.25 ser issir Press conference fuq il-proġett Buzz Bee ġewwa l-iskola Primarja ta' Ħal Safi.

**54.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet**

54.05.01 Is-Sindku tal-Mqabba staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward l-ispejjeż li saru qabel ħarġet l-iskema tal-fondi tal-LESA f'Lulju li għadda għal festi li saru f'Awwissu.

**54.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

54.06.01 Kwotazzjoni RFQ235/2025 – Request For Quotation for the Purchase of Sanitary Products

54.06.02 Kwotazzjoni RFQ236/2025 – Request For Quotation for Catering Service

54.06.03 Kwotazzjoni RFQ237/2025 – Request For Quotation for Data Protection Officer

54.06.04 Kwotazzjoni RFQ238/2025 – Request For Quotation for the Service of Bookkeeping

**54.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**54.07.01 Kwotazzjoni RFQ235/2025 – Request For Quotation for the Purchase of Sanitary Products**

Il-President informa li ntbagħtu erbgħa (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna offerta waħda biss. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**54.07.02 Kwotazzjoni RFQ236/2025 – Request For Quotation for Catering Service**

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**54.07.03 Kwotazzjoni RFQ237/2025 – Reqeust For Quotation for Data Protection Officer**

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

Is-Sindku ta' Ħal Safi ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' interess

**54.07.04 Kwotazzjoni RFQ238/2025 – Request For Quotation for the Service of Bookkeeping**

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiew is-Sur Julian Borġ
Il-Kunsill qabel unanimament

**54.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.42**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 42.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku ta’ Ħal Safi is-Sur Johan Mula

Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.09 Kotba Brussell**

Il-President ippropona sabiex isir użu minn xi fondi mhux minfuqa fuq skemi ta’ kotba matul din is-sena, jinxtraw xi kotba oħra addizjonali ma’ dawk diġa approvati għall-librerija tal-Ambaxxata Maltija fi Brussell.

Sekondant: Il- Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.10 AED**

Il-President ippropona sabiex tinxtara AED lil kull Kunsill Lokali sabiex inkomplu ninvestu fis-saħħa tar-residenti tal-lokalitajiet tagħna.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.11 Shared Events Calendar**

Il-President ippropona sabiex noħolqu sistema ta’ Shared Calendar biex l-avvenimenti fir-Reġjun ikunu aktar koordinati bejn il-Kunsilli Lokali.

Sekondant: Is-Sindku ta’ Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.12 Darba Waħda Fil-Vilaġġ – Way Foward**

Il-President ippropona li issir laqgħa fit-22 t'Ottubru fis-18:00 t'informazzjoni għas-Sindki, Segretarji Eżekuttivi u Kunsilliera responsabbli mill-Kultura sabiex tingħata informazzjoni dwar il-proġett 'Darba Waħda fil-Villaġġ' u kif se jkun qed jinvolvi lill-Kunsilli Lokali.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**54.13 Peace Declaration – Kaeleci Antalya**

Il-President ipropona sabiex tkun approvata id-Deklarazzjoni tal-Paċi ġewwa Kaleici.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.14 Sejħa għall- Health and Safety Officer Reġjonali.**

Il-President ippropona li ir-Reġjun jkollu uffiċjal tas-Saħħa u Sigurta' Reġjonali sabiex jassisti lill-Kunsilli Lokali f'avvenimenti li jkun ser jsiru.

Sekondant: Is-Sindku ta' Siġġiewi is-Sur Julian Borġ
Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.15 Fondi Addizzjonali**

Il-President ippropona sabiex jingħataw Eur5,000 lil kull Kunsilli Lokali mill-fondi li ma ntużawx matul 2025 sabiex jassistu fl-ispejjeż li dawn ikollhom. Sabiex wieħed jagħmel użu minnhom, l-ispiża trid tkun saret jew ser issir b'mod raġonevoli u tkun konformi mar-regolamenti u liġijiet. Il-Kunsill irid jinforma formalment lir-Reġjun u dawn jridu jkun approvati. F'każ ta' attivitajiet jew materjal ipprintjat, il-logo tar-Reġjun irid ikun viżibilment jidher.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.16 Żebbug / Rabat – CCTV għal infurzar fuq rimi ta' skart**

Il-President ippropona sabiex ninstallaw CCTVs f'*hotspots* ġewwa ir-Rabat u Ħaż-Żebbuġ, li huma l-aktar lokalitajiet problematiċi fejn qed isir abbuż fuq ħruġ/rimi ta' skart biex ikompli jiżdied l-infurzar fuq rimi ta' skart illegali. Is-Sindki tal-lokalitajiet msemmija huma mitluba jgħarrfuna b'dawn il-*hotspots* sabiex ic-CCTVs ikunu installati din is-sena.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**54.17 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:45 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-Tlieta 18 ta' Novembru, 2025 fil-17:00.**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum